MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 146/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha Carmel Borg abbazi tal-polza ta’ assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Carmel Borg**

**vs**

**Adam Charles Spiteri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta’ Jannar, 2005 fejn intalab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta’ elf tlett mija u tnejn u disghin Lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm1392.61) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Carmel Borg assigurat tas-socjeta’**

**attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' elf tlett mija u sebgha u sittin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm1367.61), is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00) l-istess Carmel Borg in linea ta' *excess payment*, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fid-19 ta' Jannar, 2003 ghall-habta tal-11.30a.m. gewwa Triq San Pawl Milqi, kantuniera ma' Triq Manwel Bonnici, San Pawl il-Bahar, bejn il-vettura proprjeta' ta' l-attur Carmel Borg, bin-numru ta' registrazzjoni FAH 159 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni LEO 168, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Dicembru, 2004 u ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikuratrici GasanMamo Insurance Limited, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tal-15 ta' Dicembru, 2004 kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-27 ta' Jannar, 2005 fejn intqal illi t-talba attrici hija ghal kollox intempestiva u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez, billi ferm qabel ma gie pprezentat dan l-avviz, kien intlahaq ftehim bejn l-istess socjeta` attrici u l-assikurazzjoni tal-konvenut illi r-responsabilita` ghal dan l-incident tat-traffiku kellu jigi apporzjonat nofs bin-nofs bejn iz-zewg sewwieqa, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' PS455 Emanuel Sammut, Adam Charles Spiteri, Carmel Borg. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan il-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fid-19 ta' Jannar, 2003 bejn il-vettura LEO 168 misjuqa mill-konvenut u l-vettura FAH 159 ta' l-attur.**
**2. L-incident sehh fi Triq San Pawl Milqghi kantuniera ma' Triq Manwel Bonnici, San Pawl il-Bahar.**
**3. Mir-road accident report RF 8 jirrizulta li l-attur kien niezel fi Triq San Pawl Milqghi, meta skond hu, hareg vann minn Triq Manwel Bonnici u bblukkalu t-triq. L-attur ighid li dan il-van hareg f'salt. Il-konvenut da parti tieghu fl-istqarrija lill-Pulizija qal li l-karozza l-ohra ra gejja pero' kienet ghadha ftit il-fuq. Hu qasam bil-mod.**
**4. Ix-xhieda tal-partijiet bazikament tikkonferma din il-versjoni. Il-konvenut pero' jghid illi l-attur kien qieghed wrong side. Jghid ukoll illi l-breaks tieghu ma kienux qad izommu, pero' skond hu dan kien wara l-incident.**
**5. Id-daqqa fil-vettura tal-konvenut kienet fuq il-genb tax-xellug, minn nofs ir-rota sa fuq il-bieba, filwaqt illi il-vettura ta' l-attur garrbet hsarat fuq quddiem.**
**6. It-Tribunal jirrileva illi kif gie ripetut f'kazijiet simili l-konvenut kellu obbligu illi qabel ma johrog jaccerta ruhu li seta' jaghmel tali manuvra minghajr ma jikkawza perikolu ghat-traffiku li ghaddej fi triq principali. Il-konvenut, ex admissis kien ben konxju tal-vettura li kienet riesqa lejh u hu ghogbu jiehu r-riskju u jintenta li johrog fit-triq u juzurpa r-right of way tal-vettura l-ohra.**
**7. Kif ritenut fil-kawza Alexander Bartolo vs Kalcidon Micallef deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Frar, 1973 (Onor.V.R.Sammut): ……….l-esplorazzjoni da parti ta' side road user ghat-traffiku transitanti fuq triq principali ma hijiex limitata ghal waqfien f'tarf l-inkrocju, imma in oltre dan ghandu jikkalkola jistax jaqsam wara li jistma l-velocita' ta' vetturi li jkunu qed joqorbu fi triq principali……. Spiss wisq qieghed jigri li "side road users" jaqbdu jaqsmu l-linja tat-traffiku ghaddejja mit-triq principali bhal li kieku huma u mhux l-utenti ta' din it-triq imisshom id-dritta".**

**8. Ghalhekk fic-cirkostanzi ma hemmx dubbju li ghall-incident kien responsabbli unikament il-konvenut.**
**9. Id-danni jirrizultaw pruvati skond is-survey u r-ricevuti relattivi Dok RF 1 sa RF 7 u dana fl-ammont reklamat.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tlett mija u sebgha u sittin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm1367.61), lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00) lill-istess Carmel Borg in linea ta' *excess payment,* ilkoll bl-imghaxijiet mill-21 ta' Jannar, 2005.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Dicembru, 2004 u ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikuratrici GasanMamo Insurance Limited, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------